Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,509, 23 ta' Settembru, 2025
Taqsima B

A.L. 205 tal-2025

ATT DWAR L-UŻU MILL-ĠDID TAL-INFORMAZZJONI TAS-SETTUR PUBBLIKU (KAP. 546)

Regolamenti tal-2025 dwar ir-Reġistru tal-Indirizz u r-Reġistri (Ġeospazjali) relattivi għal-Lok

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 25 tal-Att dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Informazzjoni tas-Settur Pubbliku, il-Ministru responsabbli għall-informazzjoni tas-settur pubbliku, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 dwar ir-Reġistru tal-Indirizz u r-Reġistri (Ġeospazjali) relattivi għal-Lok.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu sabiex jistabbilixxu sett ta' reġistri għaż-żamma u l-aġġornament ta' indirizz bi struttura eżistenti jew ippjanata, jew identifikata uffiċjalment f'Malta, kif jista' jkun meħtieġ sabiex jiġi żgurat użu konsistenti u koerenti ta' tali dejta. Dawn ir-regolamenti jipprovdu wkoll li tali reġistri għandhom jintużaw b'mod konkorrenti jew bħala reġistri individwali biex jipprovdu rekords uffiċjali pertinenti għal dak it-tip ta' lok ġeospazjali speċifiku.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data jew dati li l-Ministru jista', b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u, jew għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Informazzjoni tas-Settur Pubbliku; Kap. 546.

"awtorità regolatorja" tfisser l-awtorità regolatorja stabbilita bir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Istrutturi ta' Organizzazzjoni għat-Tqassim u l-Użu mill-Ġdid ta' Data; L.S. 546.01.

"bini" tfisser tip ta' lok speċifiku li jirrappreżenta struttura mibnija li hija inkluża fir-Reġistru tal-Bini. Kull bini elenkat fir-Reġistru tal-Bini għandu jkun identifikat permezz tal-identifikatur uniformi tar-riżorsi tal-lok u dettalji ġeospazjali;

Verżjoni Elettronika

"dejta ta' kwalità tajba" tfisser dejta li hi kompluta, unika, konsistenti, f'waqtha, valida u preċiża, fil-metodu ta' trażmissjoni kif meħtieġ mir-Reġistratur;

"entità" tfisser kwalunkwe entità jew korp kostitwit ta' kwalunkwe natura, kemm jekk pubblika kif ukoll privata;

"identifikatur uniformi tar-riżorsi" jew "URI" tfisser il-format konformi mal-web għall-allokazzjoni ta' identifikatur persistenti li jista' jinqara mill-magni għal kull rekord f'reġistru uffiċjali, inklużi d-diversi identifikaturi mogħtija għall-verżjonijiet differenti ta' kull rekord;

"indirizz" tfisser il-konkorrenza ta' dettalji li jiddeskrivu oġġett indirizzabbli konsistenti f'sit konfinat li jintuża għall-abitazzjoni, xogħol, divertiment jew kwalunkwe tip ta' attività oħra relatata mal-bniedem, li huwa bbażat fuq ġerarkija ta' konkorrenzi ta' ismijiet ġeografiċi ta' reġjuni jew lokalitajiet, toroq, bini u bibien jew punti ta' dħul flimkien mal-kodiċi postali li jidentifikaw b'mod uniku post fejn jistgħu jitwasslu oġġetti postali jew servizzi;

"kodiċi postali" tfisser sistema ta' kodiċi maħluqa u applikati, minn żmien għal żmien, mill-fornitur tas-servizzi postali kif awtorizzat mill-awtorità responsabbli għar-regolamentazzjoni tal-komunikazzjonijiet. Kull kodiċi postali għandu jiġi identifikat skont l-identifikatur uniformi tar-riżorsi u d-dettalji ġeospazjali tal-lok;

"korp regolat bil-liġi pubblika" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"korp tas-settur pubbliku" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"Kunsill ta' Governanza fuq *Data*" tfisser il-Kunsill ta' Governanza fuq *Data* kif stabbilit fit-Taqsima XI tar-Regolamenti dwar l-Istrutturi ta' Organizzazzjoni għat-Tqassim u l-Użu mill-Ġdid ta' Data u li għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti għandu jkollu l-istess funzjonijiet hemmhekk stabbiliti;

L.S. 546.01.

"lok" tfisser ir-rekord li fih informazzjoni li tista' tinqara mill-bniedem li, flimkien mal-koordinati ġeografiċi u dejta spazjali ta' oġġett indirizzabbli mill-mappa bażi, tirrappreżenta post partikolari jew struttura fiżika;

Verżjoni Elettronika

"lokalità" tfisser tip speċifiku ta' lok li jidentifika żona ġeografika li għandha l-konfini ġeografiċi tagħha definiti b'mod ċar u, jew li hija inkluża fil-mappa bażi u hija rikonoxxuta mill-Att dwar il-Gvern Lokali. Kull lokalità għandha tiġi identifikata skont l-identifikatur uniformi tar-riżorsi u d-dettalji ġeospazjali tal-lok; Kap. 363.

"mappa bażi" jew "mappa bażi uffiċjali" tfisser id-database ġeografika nazzjonali diġitali ġestita mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif riferut fl-artikolu 38(1)(e) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp li hija mfassla sabiex isservi bħala l-livell ġeospazjali bażiku li fuqu tkun tista' tiġi rreferenzjata u integrata informazzjoni spazjali oħra; Kap. 552.

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-informazzjoni tas-settur pubbliku;

"obbligu ta' natura ta' servizz pubbliku" tfisser obbligu impost fuq korp biex jiġi pprovdut servizz ta' interess pubbliku;

"oġġett indirizzabbli" tfisser kwalunkwe struttura mibnija jew lok ġeografiku li huwa ġeneralment magħruf b'isem wieħed (1) jew aktar, li għandu kodiċi ġeografiċi speċifiċi għal-latitudni, longitudni u elevazzjoni, fejn applikabbli, għal tali strutturi jew ismijiet ta' postijiet u li jistgħu jiġu indikati fuq mappa;

"pajjiż" tfisser tip ta' lok speċifiku li jinkludi l-isem ġeografiku ta' żona jew territorju rikonoxxut fuq livell internazzjonali u kif ippubblikat mill-Organizzazzjoni ta' Standards Internazzjonali permezz tal-lista ta' pajjiżi ISO 3166, li tinkludi wkoll ismijiet u kodiċi ta' pajjiżi li kienu jeżistu fil-passat. Kull pajjiż għandu jiġi identifikat skont l-identifikatur uniformi tar-riżorsi u d-dettalji ġeospazjali tal-lok;

"punt tad-dħul tal-bini" tfisser kwalunkwe forma ta' passaġġ jew fetħa li tagħmel parti minn bini aċċessibbli minn triq u li jintuża għad-dħulu l-ħruġ mill-bini;

"Reġistratur" tfisser ir-Reġistratur tal-Indirizzi li għandu jkun responsabbli mir-Reġistru u r-reġistri sussidjarji;

"Reġistru" tfisser ir-Reġistru tal-Indirizzi kif stabbilit fir-regolament 4;

"reġistru sussidjarju" tfisser ir-reġistri sussidjarji kif stabbiliti fir-regolament 4, kif ġej:

(a) ir-Reġistru tal-Bini;

Verżjoni Elettronika

(b) ir-Reġistru tat-Toroq;

(ċ) ir-Reġistru tal-Lokalitajiet;

(d) ir-Reġistru tal-Kodiċi Postali;

(e) ir-Reġistru tar-Reġjuni;

(f) ir-Reġistru tal-Pajjiżi; u

(g) kwalunkwe reġistru sussidjarju ieħor li r-Reġistratur jista' jistabbilixxi minn żmien għal żmien;

"reġistru uffiċjali" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar l-Istrutturi ta' Organizzazzjoni għat-Tqassim u l-Użu mill-Ġdid ta' Data;

L.S. 546.01.

"reġjun" tfisser tip speċifiku ta' lok li jirrappreżenta suddiviżjoni ta' Malta kif jista' jiġi identifikat u inkluż mir-Reġistratur. Kull reġjun għandu jiġi identifikat skont l-identifikatur uniformi tar-riżorsi u d-dettalji ġeospazjali tal-lok;

"rekord uffiċjali" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar l-Istrutturi ta' Organizzazzjoni għat-Tqassim u l-Użu mill-Ġdid ta' Data;

L.S. 546.01.

"servizz pubbliku" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika;

Kap. 595.

"sors tad-dejta" tfisser id-dejta kif identifikata u mitluba mir-Reġistratur għall-iskop tal-ħolqien u żamma tar-Reġistru u r-reġistri sussidjarji;

"sublokalità" tfisser żona speċifika ġewwa lokalità. Kull sublokalita għandha tiġi identifikata skont l-identifikatur uniformi tar-riżorsi u dettalji ġeospazjali tal-lok;

"triq" tfisser lok speċifiku li hu pubbliku jew privat u li jservi bħala triq jew kwalunkwe tip ieħor ta' passaġġ u li għandha isem rikonoxxut mir-Reġistratur. Kull triq hekk identifikata għandha tkun marbuta ma', u tifforma parti minn lokalità jew sublokalità waħda (1) biss. Kull triq għandha tiġi identifikata skont l-identifikatur uniformi tar-riżorsi u d-dettalji ġeospazjali tal-lok;

L.S. 546.01.

"uffiċjal pubbliku" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni;

Verżjoni Elettronika

"utent" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar l-Istrutturi ta' Organizzazzjoni għat-Tqassim u l-Użu mill-Ġdid ta' Data. L.S. 546.01.

3. (1) Għandu jiġi mwaqqaf l-Uffiċċju tar-Reġistratur tal-Indirizzi, li għandu jkun taħt it-tmexxija tar-Reġistratur li l-funzjonijiet tiegħu għandhom ikunu kif imfissra f'dawn ir-regolamenti. L-Uffiċċju tar-Reġistratur.

(2) Ir-Reġistratur għandu jkun identifikat bħala s-sid tad-dejta fir-rigward tar-Reġistri u tar-reġistri sussidjarji:

Iżda tali identifikazzjoni ma għandhiex tapplika għad-dejta miksuba minn entitajiet kompetenti oħra kif jista' jkun applikabbli minn żmien għal żmien għal kull reġistru.

(3) Ir-Reġistratur għandu jkun l-uffiċjal pubbliku li jokkupa l-kariga ta' Kummissjonarju Elettorali Prinċipali fil-kapaċità tiegħu bħala l-Kap tad-Dipartiment fl-Uffiċċju Elettorali għall-finijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. Kap. 595.

(4) Ir-Reġistratur għandu jwettaq il-funzjonijiet kollha meħtieġa għat-twaqqif, it-tmexxija u ż-żamma tar-Reġistru u r-reġistri sussidjarji u għal kwalunkwe materja relatata magħhom:

Iżda bla ħsara għall-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), il-funzjonijiet tar-Reġistratur għandhom jinkludu:

(a) il-ħolqien u ż-żamma tar-rekords tal-indirizz u l-iżgurar tal-kwalità u l-eżattezza tar-rekords tal-indirizz fir-Reġistru u r-reġistri sussidjarji inkwantu d-dettalji jistgħu jiġu kkonfermati jew verifikati abbażi ta' reġistri uffiċjali oħra u sorsi oħra uffiċjali ta' dejta kif ir-Reġistratur jidhirlu xieraq u kif jista' jkun meħtieġ minn żmien għal żmien;

(b) ir-regolamentazzjoni relatata mal-mod u ż-żamma tar-Reġistru u r-reġistri sussidjarji;

(ċ) iż-żamma ta' rekords ta' verifika għall-bidliet u l-emendi fir-Reġistru u r-reġistri sussidjarji;

(d) il-ħruġ ta' standards relatati ma':

(i) l-għoti tal-ismijiet tat-toroq;

(ii) l-għoti tal-ismijiet tal-bini u tal-bibien;

(iii) l-għoti ta' numri lill-bibien; u

(iv) kwalunkwe materja oħra li r-Reġistratur jidhirlu

Verżjoni Elettronika

meħtieġa;

(e) it-twaqqif flimkien ma' dawk l-entitajiet kompetenti li r-Reġistratur iqis xieraq, tal-ġeokodifikazzjoni ta' oġġetti indirizzabbli, inkwantu dan huwa possibbli;

(f) l-istabbiliment ta' proċessi uffiċjali għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tar-Reġistru, għaż-żamma tar-Reġistru u reġistri sussidjarji, għall-ħolqien ta' indirizzi ġodda jew tibdil ta' indirizz eżistenti;

(g) il-ħolqien tal-URI relattiv;

(h) l-istipulazzjoni tal-formalitajiet li għandhom jiġu osservati, il-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu, l-istrumenti li għandhom jintużaw, l-avviżi li għandhom jinħarġu, u l-evidenza li għandha titressaq fil-proċessi kollha quddiem ir-Reġistratur jew b'rabta mar-reġistrazzjoni;

(i) ir-regolamentazzjoni tal-kustodja ta' kwalunkwe dejta minn żmien għal żmien li tkun fil-pussess tar-Reġistratur, bis-setgħa li jordna l-qerda ta' kwalunkwe tali dejta meta tkun ġiet kompletament mibdula permezz ta' annotazzjonijiet fir-Reġistru, jew ma jkun baqagħalha l-ebda effett;

(j) it-twettiq ta' tfittxijiet uffiċjali u ċertifikazzjoni tal-indirizz;

(k) l-istipulazzjoni tal-mod kif għandhom jinħarġu kwalunkwe avviżi meħtieġa b'dawn ir-regolamenti;

(l) kwalunkwe funzjoni oħra anċillari għall-funzjonijiet hawn fuq imsemmija.

(5) Ir-Reġistratur jista', skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jiddelega kwalunkwe waħda jew aktar mill-funzjonijiet tiegħu taħt dawk il-kundizzjonijiet li jidhirlu xierqa.

(6) Ir-Reġistratur jista' jaħtar uffiċjali, skont kif meħtieġ minn żmien għal żmien, kif provdut fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, sabiex jassigura li l-funzjonijiet tal-Uffiċċju tar-Reġistratur debitament jitwettqu.

Kap. 595.

Ir-Reġistru.

4. (1) Għandu jiġi stabbilit Reġistru, li għandu jkun fih id-dettalji tal-indirizzi kollha f'Malta u li għandu jkun ibbażat fuq dejta meħuda mir-Reġistru Bażi tal-Lok skont l-Ewwel Skeda, li għandu jkollu miżmum fih l-informazzjoni neċessarja mitluba sabiex jiġi identifikat kwalunkwe tip ta' porzjon ta' art, baħar jew arja inkluż l-

Verżjoni Elettronika

ġeokodifikazzjoni u li għandu jkun integrat mar-rekord ġeospazjali rilevanti mill-mappa bażi uffiċjali ta' Malta u mir-reġistri sussidjarji li ġejjin:

(a) ir-Reġistru tal-Bini, li għandu jżomm rekords tal-bini flimkien mad-daħliet tagħhom;

(b) ir-Reġistru tat-Toroq, li għandu jżomm rekords tat-toroq kollha li huma pubbliċi jew privati u li jservu bħala aċċess jew kull tip ta' passaġġ u li huma mogħtija isem mir-Reġistratur;

(ċ) ir-Reġistru tal-Lokalitajiet, li għandu jżomm rekords tal-lokalitajiet, komunitajiet u sublokalitajiet li huma identifikati fil-mappa bażi uffiċjali;

(d) ir-Reġistru tal-Kodiċi Postali, li għandu jżomm rekords li jirrappreżentaw spazji fiżikament identifikati kif stabbiliti minn żmien għal żmien mill-fornitur tas-servizzi postali skont il-mandat tal-awtorità responsabbli għar-regolamentazzjoni tal-komunikazzjoni sabiex tipprovdi servizzi postali f'Malta;

(e) ir-Reġistru tar-Reġjuni, li għandu jżomm l-lista tar-reġjuni ġeografikament rikonoxxuti li jirrapreżentaw suddiviżjoni ta' Malta, kif jista' jiġi identifikat u inkluż mir-Reġistratur; u

(f) ir-Reġistru tal-Pajjiżi, li fih għandu jżomm rekords tal-pajjiżi u territorji:

Iżda r-Reġistratur jista', minn żmien għal żmien, permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi l-elementi tad-dejta u tipi ta' dejta li huma obbligatorji għal kull reġistru, iżid elementi ta' dejta u tipi ta' dejta ġodda fir-Reġistru u fir-reġistri sussidjarji u jistabbilixxi reġistri sussidjarji oħra magħmulin minn elementi ta' dejta rilevanti:

Iżda wkoll l-elementi tad-dejta jistgħu ma jiġux mimlija bil-kontenut meħtieġ mill-bidu nett tal-implimentazzjoni tar-Reġistru u reġistri sussidjarji.

(2) Ir-reġistri sussidjarji għandhom ikunu estenzjoni tar-Reġistru Bażi tal-Lok li jistabbilixxi r-Reġistru, u għandu jkun fihom l-elementi tad-dejta kif provduti skont l-Ewwel sat-Tmien Skeda.

(3) Ir-Reġistratur għandu jitlob u jirċievi mingħand l-entitajiet rilevanti mingħajr kwalunkwe spejjeż, id-dejta rilevanti u ta' kwalità tajba flimkien mal-metadejta tagħha, f'format li jinqara mill-magni

Verżjoni Elettronika

mis-sorsi kompetenti tad-dejta. L-entità mitluba għandha tikkonforma ma' din it-talba f'perjodu ta' żmien raġonevoli kif stabbilit mir-Reġistratur.

(4) Ir-rekords ta' indirizzi ġodda jew bidliet fid-dettalji tal-indirizz eżistenti jistgħu jitwettqu biss bil-proċessi kif stabbiliti mir-Reġistratur.

L-obbligu li jagħmlu disponibbli u jagħtu d-dejta lir-Reġistratur.

5. (1) L-entitajiet mitluba mir-Reġistratur sabiex jipprovdu dejta relevanti għar-Reġistru u r-reġistri sussidjarji għandhom jagħmlu disponibbli u jagħtu d-dejta mitluba mir-Reġistratur u għandhom wkoll ir-responabbilità li:

(a) jżommu r-rekords tagħhom u, jew l-elementi tad-dejta elenkati fl-Ewwel sat-Tmien Skeda u jiżguraw li l-informazzjoni mogħtija lir-Reġistratur tkun dejta ta' kwalità tajba, li tirrifletti informazzjoni vera u aġġornata;

(b) jiffaċilitaw il-komunikazzjoni ta' informazzjoni bejn magna u oħra li għandha tiġi mogħtija jew użata mill-ġdid abbażi ta' dawn ir-regolamenti; u

(ċ) jindikaw, meta jgħaddu d-dejta lir-Reġistratur, l-identifikatur uniformi ta' kull entrata fir-Reġistru u li dwarha jkun meħtieġ li jinżamm rekord.

(2) It-tqassim tad-dejta għandu jsir sabiex:

(a) jiġu stabbiliti u miżmuma r-Reġistru u r-reġistri sussidjarji għall-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti;

(b) jiffaċilità l-użu mill-ġdid u tqassim ta' dejta relatata mal-indirizz sabiex:

(i) inaqqas l-iddupplikar u tiżdied l-effiċjenza; u

(ii) jiffaċilita u jtejjeb l-eżattezza u l-kwalità tas-servizzi mogħtija; u

(ċ) jassisti fl-identifikazzjoni jew il-korrezzjoni ta' kwalunkwe dejta żbaljata miżmuma minn wieħed jew aktar mis-sorsi tad-dejta kkonċernati sabiex jiġi stabbilit rekord tal-indirizz.

Tqassim ta' dejta relatata mal-permessi tal-ippjanar u l-iżvilupp tal-bini.

6. (1) Id-dejta relatata mal-permessi tal-ippjanar u l-iżvilupp tal-bini għandha tkun disponibbli mill-awtoritajiet responsabbli, fil-format li għandu jistabbilixxi r-Reġistratur minn żmien għal żmien.

Verżjoni Elettronika

(2) Id-dejta għandha tkun ta' kwalità tajba u disponibbli mal-ħruġ tal-permessi mill-awtoritajiet responsabbli mill-ippjanar u l-iżvilupp tal-bini.

(3) L-iskop tat-tqassim tad-dejta huwa sabiex jiġi stabbilit ir-rekord tal-indirizz mill-aktar fis possibli sabiex iservi għall-proċessi relatati kollha u l-permessi relatati mal-istess żvilupp tal-bini.

(4) Id-dejta mitluba mir-Reġistratur għandha titqassam mill-entitajiet mitluba lir-Reġistratur mingħajr spejjeż għar-Reġistratur, fi żmien raġonevoli kif stabbilit mir-Reġistratur.

Tqassim tad-dejta relatata mal-kodiċi postali. Kap. 418.

7. (1) Il-fornitur tas-servizzi postali, kif awtorizzat mill-awtorità responsabbli mir-regolamentazzjoni tal-komunikazzjoni imwaqqfa bl-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni sabiex iżomm il-lista nazzjonali tal-kodiċi postali ta' Malta, għandu jipparteċipa u jassisti lir-Reġistratur fiż-żamma tar-rekords tal-indirizz, u jipprovdi dejta ta' kwalità tajba fil-format li għandu jiġi stabbilit mir-Reġistratur, minn żmien għal żmien.

(2) Id-dejta għandha tkun disponibbli minnufih hekk kif:

(a) ikun hemm kwalunkwe emenda fil-lista tal-kodiċi postali; jew

(b) mal-ħolqien ta' indirizz ġdid mir-Reġistratur.

(3) L-iskop tat-tqassim ta' din id-dejta huwa sabiex tiġi stabbilita konnessjoni bejn il-kodiċi postali u n-numru tal-bieb jew daħla għall-bini.

(4) Id-dejta mitluba mir-Reġistratur għandha titqassam mill-entitajiet mitluba mir-Reġistratur, mingħajr spejjeż għar-Reġistratur, fi żmien raġonevoli kif stabbilit mir-Reġistratur.

Tqassim ta' dejta oħra relatata ma' indirizz.

8. (1) Ir-Reġistratur jista' jitlob it-tqassim ta' dejta ta' kwalità tajba mingħand kwalunkwe entità li jkollha fil-pussess tagħha dejta relatata mal-indirizz. Id-dejta mitluba għandha tiġi mqassma fil-format kif stabbilit mir-Reġistratur minn żmien għal żmien.

(2) It-tqassim tad-dejta skont dawn ir-regolamenti għandu jsir għall-finijiet taż-żamma tar-Reġistru.

Mekkaniżmi għall-kontroll tal-verżjoni tar-rekords.

9. Ir-Reġistratur għandu jiżgura li jkun hemm trasparenza fil-proċessi tiegħu billi jistabbilixxi mekkaniżmi għall-kontroll tal-verżjoni tar-Reġistru, li permezz tagħhom kull bidla fid-dettalji tar-rekords għandha tinżamm u tibqa' distinta iżda marbuta ma' rekord identifikabbli, bil-kronogrammi li jindikaw il-bidu u t-tmiem ta' kull

Verżjoni Elettronika

verżjoni tar-rekord li hi miżmuma u d-dettalji ta' sessjoni inkluż l-informazzjoni tal-utent li biddel id-dettalji.

Ir-Reġistru u reġistri sussidjarji ppubblikati bħala dejta miftuħa.

10. Ir-Reġistratur għandu jiżgura li jipprovdi elementi tad-dejta speċifiċi mir-Reġistru u reġistri sussidjarji bħala dejta miftuħa:

Iżda r-Reġistratur għandu jispeċifika l-liċenzja li abbażi tagħha d-dejta se tkun disponibbli:

Iżda wkoll li din id-dejta ma għandhiex tinkludi dejta li hija ta' natura personali.

Portal nazzjonali tad-dejta.
L.S. 546.01.

11. Ir-Reġistratur għandu jiżgura li r-Reġistru ikun ippubblikat fuq portal nazzjonali tad-dejta kif meħtieġ mir-Regolamenti dwar l-Istrutturi ta' Organizzazzjoni għat-Tqassim u l-Użu mill-Ġdid ta' *Data*:

Iżda r-Reġistratur, bħala sid id-dejta miżmuma mir-Reġistru u r-reġistri sussidjarji, jista' joħloq ukoll portal tad-dejta għar-Reġistru.

Obbligu li tistabbilixxi ħolqa ta' dejta mar-Reġistru.

12. Is-settur pubbliku, il-korpi kollha tas-servizz pubbliku u l-entitajiet kollha li għandhom obbligu li jipprovdu servizz lill-pubbliku, kif ukoll kull korp ieħor jew entità oħra li r-Reġistratur jista' minn żmien għal żmien jidentifika permezz ta' avviż fil-Gazzetta, għandhom ikunu konnessi mar-Reġistru permezz ta' identifikaturi uniformi tar-riżorsi biex jistabbilixxu ħolqa ta' dejta ta' informazzjoni teknoloġika bejn ir-rekords miżmuma minnhom u r-reġistru miżmum ċentralment.

Proċedura regolatorja.

13. Il-Kunsill ta' Governanza fuq *Data* għandu jirċievi lmenti jew talbiet mir-Reġistratur minn kwalunkwe korp tas-settur pubbliku, entità tas-servizz pubblikujew servizz pubbliku fir-rigwardta' kwalulnkwe ksur ta' dawn ir-regolamenti, sabiex jieħu dawk l-azzjonijiet ta' rimedju kif jista' jitqies li jkunu meħtieġa jew kif jistgħu jkunu preskritti mill-Att u, jew mir-Regolamenti dwar l-Istrutturi ta' Organizzazzjoni għat-Tqassim u l-Użu mill-Ġdid ta' *Data*, u għandu jinforma lill-imsemmi korp tas-settur pubbliku jew korp regolat bil-liġi pubblika bl-eżitu tad-deċiżjoni meħuda u d-deċiżjoni tal-Kunsill għandha tkun finali.

L.S. 546.01.

Proċedura ta' rimedju.

14. (1) Il-Ministru għandu jaħtar arbitru għal perjodu ta' ħames (5) snin. L-imsemmi arbitru għandu jkun avukat bil-warrant sabiex jipprattika f'Malta u li jkun ilu jeżerċita l-professjoni tiegħu għal mill-inqas seba' (7) snin.

(2) L-arbitru għandu jkun assistit minn segretarju maħtur mill-Ministru, li għandu jkollu d-dmir li jirċievi appelli, li jżomm il-minuti

Verżjoni Elettronika

u li jassumi tali dmirijiet oħra kif l-arbitru jista' jeħtieġ.

(3) L-arbitru ma għandux jiġi mwaqqaf milli jeżerċita l-professjoni tiegħu iżda matul it-terminu tal-ħatra tiegħu huwa ma għandux jeżerċita l-professjoni tiegħu fir-rigward ta' rikorsi ppreżentati skont dawn ir-regolamenti.

(4) Persuna ma għandhiex tkun kwalifikata sabiex tinħatar arbitru jekk tali persuna:

(a) tkun membru tal-Kamra tad-Deputati jew tal-Parlament Ewropew jew ta' Kunsill Lokali; jew

(b) għandha interess li jista' jippreġudika l-qadi tad-dmirijiet tagħha bħala arbitru.

(5) L-arbitru għandu jkun skwalifikat milli jisma' appell ippreżentat quddiemu f'dawk iċ-ċirkostanzi li jiskwalifikaw imħallef f'kawża ċivili, u fi kwalunkwe tali każ l-arbitru għandu jiġi sostitwit.

(6) L-arbitru għandu jisma' u jiddeċiedi rikorsi ppreżentati minn persuna, inkluż persuna ġuridika, li tħossha aggravata minn deċiżjoni tar-Reġistratur li jinkludi, jemenda, jarkivja jew jibdel rekord fir-Reġistru jew kwalunkwe reġistru sussidjarju.

(7) Ir-rikors ta' appell minn deċiżjoni tar-Reġistratur għandu jiġi ppreżentat fi żmien sittin (60) jum mid-data li fiha l-applikant seta' jsir jaf bl-inklużjoni jew bl-esklużjoni ta' rekord mir-Reġistru jew reġistru sussidjarju.

(8) L-arbitru għandu jkollu s-setgħa li jiddetermina l-proċedura għas-smigħ tal-appelli kollha ppreżentati quddiemu u għandu jiżgura li waqt is-smigħ il-partijiet kollha interessati jingħataw l-opportunità sabiex jittrattaw il-każ tagħhom.

(9) L-arbitru jista' jaħtar esperti sabiex jirrelataw dwar kwalunkwe kwistjoni quddiemu waqt il-qadi ta' dmirijietu.

(10) L-arbitru għandu jkollu d-dritt li jitlob lir-Reġistratur informazzjoni dwar kwalunkwe rikors preżentat quddiemu skont dan ir-regolament u jista' jitlob lir-Reġistratur jipprovdilu dokumentazzjoni relatata mal-każ li jkun qiegħed jisma'. Għandu jkun id-dmir tar-Reġistratur li jipprovdi l-informazzjoni u, jew id-dokumenti mitluba mingħajr dewmien.

(11) L-Arbitru għandu jkollu s-setgħa li jikkonferma, ivarja jew iħassar b'kondizzjoni jew mingħajrha, u li jissostitwixxi kwalunkwe deċiżjoni tar-Reġistratur wara appell li jkun sar skont dawn ir-

Verżjoni Elettronika

regolamenti.

(12) Ir-Reġistratur, l-applikant jew kwalunkwe persuna li tħossha aggravata minn deċiżjoni tal-arbitru tista' tappella lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

Kap. 490.

Aġir bil-*bona fide*.

15. Ma għandha tittieħed l-ebda azzjoni fil-konfront tar-Reġistratur jew kwalunkwe uffiċjali jew impjegati, inklużi dawk tas-servizz pubbliku, jew ta' kwalunkwe korp tas-settur pubbliku jew ta' xi entità awtorizzata debitament delegata, li jipprovdu informazzjoni skont dawn ir-regolamenti, fir-rigward ta' kwalunkwe għemil jew nuqqas imwettqa bil-*bona fide* mir-Reġistratur, minn kwalunkwe uffiċjali jew impjegati, mis-servizz pubbliku jew entità tas-settur pubbliku jew entità awtorizzata debitament delegata, fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom skont dawn ir-regolamenti.

Ksur minn entità.

16. F'każ li r-Reġistratur ikun sodisfatt li korp tas-settur pubbliku jew korp tas-servizz pubbliku jkunu naqsu milli jħarsu dawn ir-regolamenti, ir-Reġistratur għandu jirreferi l-kwistjoni lill-awtorità regolatorja sabiex tieħu azzjoni meħtieġa kif provdut fl-artikoli 24A sa 24Ċ, iż-żewġ artikoli inklużi, tal-Att:

Iżda l-awtorità regolatorja tista' wkoll toħroġ avviżi ta' infurzar kif provdut fl-artikolu 24A tal-Att fil-konfront ta' korp tas-settur pubbliku jew korp tas-servizz pubbliku.

Bdil qarrieqi.

17. (1) Kwalunkwe persuna li b'qerq takkwista jew tipprova takkwista jew taf b'xi ksib li sar b'qerq, ta' xi rekord fuq, tħassir minn jew tibdil tar-reġistru, jew kwalunkwe dokument miżmum jew maħruġ mir-Reġistratur għandha tkun ħatja ta' reat taħt il-Kodiċi Kriminali taħt it-Taqsima II - Titolu V - Fuq id-Delitti kontra l-Fiduċja Pubblika.

Kap. 9.

(2) Kwalunkwe rekord, kanċellament jew tibdil magħmul b'qerq għandu jkun null bejn il-persuni kollha li huma parti minn jew jafu bil-qerq.

Emenda konsegwenzjali. Kap. 490.

18. Minnufih wara l-aħħar partita tal-liġi sussidjarja tat-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandha tiżdied il-partita ġdida li ġejja:

"Regolamenti tal-2025 dwar ir-Reġistru tal-Indirizz u r-Reġistri (Ġeospazjali) relattivi għal-Lok, L.S. 546.04, Kompetenza Inferjuri)".

Verżjoni Elettronika

L-Ewwel Skeda
Reġistru Bażi tal-Lok

Ir-Reġistru Bażi tal-Lok għandu jinkludi l-elementi tad-dejta li ġejjin:

URI tal-Lok – Valur numeriku ġġenerat awtomatikament li jintuża bħala l-identifikatur persistenti u uniku li fuqu tista' tinżamm u tiġi rkuprata l-informazzjoni li jkun fadal, li tinsab fir-rekord tal-Lok.

Isem tal-Lok – Isem qasir b'tifsira jew deskrizzjoni li tippermetti li jiġi identifikat il-lok.

Tip ta' Lok - L-għażla ta' wieħed mill-valuri minn lista kkontrollata kif tista' tiġi stabbilita minn żmien għal żmien mir-Reġistratur ta' valuri permessi li jorbtu r-rekord tal-Lok ma' wieħed mir-reġistri sussidjarji kif spjegat fir-reġistri sussidjarji relatati mal-Indirizz.

Ġeokodifikar tal-Lok – Il-kodiċijiet u l-valuri meħtieġa flimkien mas-sistema ta' referenzjar użata sabiex jinżammu l-lonġitudini, il-latitudini u l-altitudini kif jista' jkun applikabbli sabiex tiġi rappreżentata l-informazzjoni dwar il-punt, il-linja jew iż-żona (poligonu).

Pajjiż – Il-kodiċi ISO 3166 (Pajjiżi u Territorji) sabiex jidentifika il-Pajjiż li fih jinsab il-lok.

Numru tal-Kontroll tal-Verżjoni tal-Lok – Sistema awtomatizzata ta' identifikaturi distinti tar-rekord tal-verifika tal-kontroll tal-verżjoni marbuta mal-identifikatur oriġinali użat sabiex jippermetti l-identifikazzjoni ta' tibdil applikat għar-rekord oriġinali u s-sostituzzjonijiet sussegwenti tiegħu fuq perjodu ta' żmien b'data ta' bidu u tmiem għal kull rekord tal-verżjoni.

It-Tieni Skeda
Ir-Reġistru tal-Indirizzi

Ir-Reġistru tal-Indirizzi għandu jinkludi l-elementi tad-dejta li ġejjin:

URI tal-Indirizz – Valur numeriku ġġenerat awtomatikament mir-Reġistru Bażi tal-Lok u li jintuża wkoll sabiex jidentifika r-rekord tal-punt tal-indirizz meta t-tip ta' lok huwa punt tal-indirizz. L-informazzjoni spazjali rilevanti għandha tkun disponibbli għal dan ir-reġistru kif meħtieġ.

Tip ta' Indirizz – Il-klassifikazzjoni applikabbli għall-punt tal-

Verżjoni Elettronika

indirizz minn lista kkontrollata, kif stabbilita mir-Reġistratur.

Punt ta' dħul ta' binja – Il-konnessjoni bejn il-punt tal-indirizz u l-punt ta' dħul ta' binja meta l-indirizz ikun parti minn struttura ta' ħafna indirizzi jew binja magħmula minn oqsma separati.

Binja – Il-binja li tkun konnessa mal-punt tad-dħul ta' binja meta tali konnessjoni tkun applikabbli.

Numru tal-Bieb – L-identifikazzjoni tan-numru tal-bieb meta tali numru tal-bieb jeżisti jew ġie allokat.

Isem tal-Bieb / tal-Proprjetà – L-isem jew identifikazzjoni oħra kif preskritt mis-sid jew l-entità responsabbli li permezz tiegħu l-bieb jista' jiġi identifikat b'mod uniku fil-binja jew fit-triq jew flimkien man-numru tal-bieb.

Sular – Indikazzjoni tal-għoli jew sular fejn jinstab il-punt tad-dħul tal-qasam

Triq – Il-konnessjoni bejn il-punt ta' indirizz u t-triq li hija mogħtija mill-punt tad-dħul tal-binja meta tali dettalji huma parti mir-rekord tal-punt tal-indirizz jew kif miżmum meta l-punt tal-indirizz ma jkunux parti minn binja fir-Reġistru tal-Bini.

Kodiċi Postali – Il-kodiċi postali li huwa konness mal-punt tal-indirizz u li jista' jkun miżmum jew mogħti minn rekord ta' punt tad-dħul ta' binja meta tali ħolqa teżisti.

Lokalità – Il-konnessjoni bejn il-punt tal-indirizz u l-lokalità li hija mogħtija mid-dettalji tal-bini meta tali konnessjoni teżisti jew hija miżmuma direttament meta l-punt tal-indirizz ma jaqax fl-ambitu tat-tifsira ta' condominium.

Reġjun – Il-konnessjoni bejn il-punt tal-indirizz u r-reġjun li ġejjin mid-dettalji tal-lokalità kif applikabbli mir-Rekord tal-Indirizz.

Pajjiż – L-isem tal-pajjiż mir-Reġistru tal-Pajjiżi.

Numru tal-Kontroll tal-Verżjoni tal-Indirizz – Sistema awtomatizzata ta' identifikaturi distinti tar-rekord tal-verifika tal-kontroll tal-verżjoni marbuta mal-identifikatur oriġinali użat sabiex jippermetti l-identifikazzjoni ta' tibdil applikat għar-rekord oriġinali u s-sostituzzjonijiet sussegwenti tiegħu fuq perjodu ta' żmien b'data ta' bidu u data ta' tmiem għal kull rekord tal-verżjoni.

Verżjoni Elettronika

It-Tielet Skeda
Ir-Reġistru tal-Bini

Ir-Reġistru tal-Bini għandu jinkludi l-elementi tad-dejta li ġejjin:

URI tal-Binja – Valur numeriku ġġenerat awtomatikament mir-Reġistru Bażi tal-Lok u li jintuża wkoll sabiex jidentifika l-binja meta t-tip ta' lok huwa binja. L-informazzjoni spazjali rilevanti għandha tkun disponibbli għal dan ir-reġistru kif meħtieġ.

Isem tal-Binja – L-isem tal-binja provdut mis-sid jew entità responsabbli mill-binja li taqa' fit-tifsira ta' condominium skont l-Att dwar il-Condominia (Kap. 398).

Tip ta' Binja – Il-klassifikazzjoni applikabbli għat-tip ta' binja minn lista kkontrollata sabiex tiddetermina l-karatteristiċi partikolari kif stabbilita mir-Reġistratur.

Lokalità – Il-konnessjoni bejn il-binja u l-lokalità speċifika mir-Reġistru tal-Lokalità li tippermetti li l-binja tieħu d-dettalji rilevanti kollha tal-lokalità li għandhom jiżdiedu mad-dettalji tal-binja.

Numru tal-Kontroll tal-Binja – Sistema awtomatizzata ta' identifikaturi distinti tar-rekord għall-verifika tal-kontroll tal-verżjoni marbuta mal-identifikatur oriġinali użat sabiex jippermetti l-identifikazzjoni ta' tibdil applikat għar-rekord oriġinali u s-sostituzzjonijiet sussegwenti tiegħu fuq perjodu ta' żmien b'data ta' bidu u data ta' tmiem għal kull rekord tal-verżjoni.

URI tal-Punt tad-Dħul tal-Binja – Valur numeriku ġġenerat awtomatikament mir-Reġistru Bażi tal-Lok li jintuża wkoll sabiex jidentifika r-rekord tal-punt tad-dħul tal-binja meta t-tip ta' lok huwa punt tad-dħul tal-binja. L-informazzjoni spazjali rilevanti għandha tkun disponibbli għal dan ir-reġistru kif meħtieġ.

Isem tal-Punt tad-Dħul tal-Binja – L-isem tal-punt tad-dħul ta' binja kif provdut mis-sid jew entità responsabbli mill-binja li taqa' fit-tifsira ta' condominium skont l-Att dwar il-Condominia (Kap. 398).

Tip ta' Punt tad-Dħul tal-Binja – It-tip ta' punt ta' dħul ta' binja meħud minn lista kkontrollata kif stabbilita mir-Reġistratur.

Binja – Il-konnessjoni bejn il-punt tad-dħul ta' binja u l-binja meta jkun hemm aktar minn punt tad-dħul wieħed għall-istess binja li jista' wkoll ikun minn toroq differenti.

Triq – Il-konnessjoni bejn il-punt ta' dħul u t-triq fejn jeżisti tali aċċess.

Verżjoni Elettronika

Kodiċi Postali – Il-konnessjoni bejn il-punt tad-dħul u l-kodiċi postali applikabbli.

Numru ta' kontroll tal-verżjoni tal-Punt tad-Dħul ta' Binja – Sistema awtomatizzata ta' identifikaturi distinti tar-rekord għall-verifika tal-kontroll tal-verżjoni marbuta mal-identifikatur oriġinali użat sabiex jippermetti l-identifikazzjoni ta' tibdil applikat għar-rekord oriġinali u s-sostituzzjonijiet sussegwenti tiegħu fuq perjodu ta' żmien b'data ta' bidu u data ta' tmiem għal kull rekord tal-verżjoni.

Ir-Raba' Skeda
Ir-Reġistru tat-Triq

Ir-reġistru tat-triq għandu jinkludi l-elementi tad-dejta li ġejjin:

URI tat-triq – Valur numeriku ġġenerat awtomatikament mir-Reġistru Bażi tal-Lok li jintuża wkoll sabiex jidentifika t-triq meta t-tip ta' lok huwa triq. L-informazzjoni spazjali rilevanti għandha tkun disponibbli għal dan ir-reġistru kif meħtieġ.

Isem tat-triq – L-isem tat-triq kif uffiċjalment ippubblikat fil-Gazzetta, jew kwalunkwe isem temporanju ieħor kif assenjat mir-Reġistratur minn żmien għal żmien.

Tip ta' triq – Il-klassifikazzjoni applikabbli għat-triq magħżula minn lista kkontrollata u li tista' tiddistingwi bejn triq pubblika, privata, arterjali, lokali u kwalunkwe kriterju ieħor li triq tista' tiġi kklassifikata bih.

Lokalità – Il-konnessjoni bejn it-triq u l-lokalità prinċipali u d-dettalji kollha tal-lokalità u r-reġjun flimkien sabiex isiru parti integrali mir-Reġistru tat-Triq.

Numru ta' kontroll ta' verżjoni ta' triq - Sistema awtomatizzata ta' identifikaturi distinti tar-rekord għall-verifika tal-kontroll tal-verżjoni marbuta mal-identifikatur oriġinali użat sabiex jippermetti l-identifikazzjoni ta' tibdil applikat għar-rekord oriġinali u s-sostituzzjonijiet sussegwenti tiegħu fuq perjodu ta' żmien b'data ta' bidu u data ta' tmiem għal kull rekord tal-verżjoni.

Il-Ħames Skeda
Ir-Reġistru tal-Lokalità

Ir-Reġistru tal-Lokalità għandu jinkludi l-elementi tad-dejta li ġejjin:

URI tal-Lokalità – Valur numeriku ġġenerat awtomatikament mir-Reġistru Bażi tal-Lok li jintuża sabiex jidentifika l-lokalità meta t-

Verżjoni Elettronika

tip ta' lok huwa lokalità. L-informazzjoni spazjali rilevanti għandha tkun disponibbli għal dan ir-reġistru kif meħtieġ.

Isem ta' lokalità – L-isem tal-lokalità u li fil-każ ta' lokalitajiet fir-reġjun ta' Għawdex jistgħu għall-iskop ta' identifikazzjoni eħfef jinkludu l-isem tar-reġjun li magħhom il-lokalità hija relatata.

Tip ta' lokalità – Il-klassifikazzjoni applikabbli għal-lokalità magħżula minn lista kkontrollata u li tippermetti d-distinzjoni bejn lokalitajiet prinċipali u sub-lokalitajiet u tipi oħra ta' lokalitajiet skont kif jista' jiġi deċiż minn żmien għal żmien.

Lokalità Prinċipali – Il-konnessjoni bejn sublokalità u l-lokalità prinċipali fejn fil-każ ta' lokalitajiet maġġuri, l-identifikatur tal-lokalità prinċipali għandua jkun l-istess bħal-lokalità.

Kunsill Lokali – Il-konnessjoni stabbilita bejn lokalità u l-kunsill lokali, li toħroġ mil-lista uffiċjali tal-kunsilli lokali kif provduta mill-Att dwar il-Gvern Lokali (Kap. 363).

Reġjun – Il-konnessjoni stabbilita bejn lokalità u reġjun li fiha tinsab il-lokalità u li għandha toħroġ mir-Reġistru tar-Reġjuni mal-informazzjoni kollha relatata li tista' toħroġ mir-Reġistru tar-Reġjuni kif anness mar-Reġistru tal-Lokalità.

Numru ta' kontroll tal-verżjoni tal-lokalità – Sistema awtomatizzata ta' identifikaturi distinti tar-rekord għall-verifika tal-kontroll tal-verżjoni marbuta mal-identifikatur oriġinali użat sabiex jippermetti l-identifikazzjoni ta' tibdil applikat għar-rekord oriġinali u s-sostituzzjonijiet sussegwenti tiegħu fuq perjodu ta' żmien b'data ta' bidu u data ta' tmiem għal kull rekord tal-verżjoni.

Is-Sitt Skeda
Reġistru tal-Kodiċi Postali

Ir-reġistru tal-kodiċi postali għandu jinkludi l-elementi tad-dejta li ġejjin:

URI tal-kodiċi postali – Valur numeriku ġġenerat awtomatikament mir-Reġistru Bażi tal-Lok li jintuża sabiex jidentifika l-kodiċi postali meta t-tip ta' lok huwa kodiċi postali. L-informazzjoni spazjali rilevanti għandha tkun disponibbli għal dan ir-reġistru kif meħtieġ.

Kodiċi Postali – Il-kombinazzjoni tal-identifikaturi tal-lokalità, triq u parti speċifika tat-triq li joħolqu l-kodiċi postali kif miżmuma mill-fornitur tas-servizzi postali u awtorizzati mill-awtorità responsabbli mir-regolamentazzjoni tal-komunikazzjonijiet.

Verżjoni Elettronika

Triq – Id-dettalji tat-triq, jew parti minnha, li lilha jiġi assenjat il-kodiċi postali u konsegwentement l-informazzjoni kollha relatata mal-lokalità u reġjun jistgħu jiġu amalgamati mal-kodiċi postali.

Numru ta' kontroll tal-verżjoni tal-kodiċi postali – Sistema awtomatizzata ta' identifikaturi distinti tar-rekord għall-verifika tal-kontroll tal-verżjoni marbuta mal-identifikatur oriġinali użat sabiex jippermetti l-identifikazzjoni ta' tibdil applikat għar-rekord oriġinali u s-sostituzzjonijiet sussegwenti tiegħu fuq perjodu ta' żmien b'data ta' bidu u data ta' tmiem għal kull rekord tal-verżjoni.

Is-Seba' Skeda
Ir-Reġistru tar-Reġjuni

Ir-Reġistru tar-Reġjuni għandu jinkludi l-elementi tad-dejta li ġejjin:

URI tar-reġjuni – Valur numeriku ġġenerat awtomatikament mir-Reġistru Bażi tal-Lok li jintuża wkoll sabiex jidentifika r-reġjun meta t-tip ta' lok huwa reġjun. L-informazzjoni spazjali rilevanti għandha tkun disponibbli għal dan ir-reġistru kif meħtieġ.

Isem tar-Reġjun – L-isem tar-reġjun.

Tip tar-Reġjun – Il-klassifikazzjoni magħżula għar-reġjun minn lista kkontrollata ta' reġjuni differenti u li għandha tkun marbuta ma' konfini rikonoxxuti uffiċjalment.

Pajjiż – Il-konnessjoni stabbilita bejn reġjun u pajjiż skont ir-reġistru tal-pajjiż rilevanti u li f'ħafna każijiet għandu jkun Malta.

Numru tal-kontroll tal-verzjoni tar-reġjun – Sistema awtomatizzata ta' identifikaturi distinti tar-rekord għall-verifika tal-kontroll tal-verżjoni marbuta mal-identifikatur oriġinali użat sabiex jippermetti l-identifikazzjoni ta' tibdil applikat għar-rekord oriġinali u s-sostituzzjonijiet sussegwenti tiegħu fuq perjodu ta' żmien b'data ta' bidu u data ta' tmiem għal kull rekord tal-verżjoni.

It-Tmien Skeda
Ir-Reġistru tal-Pajjiżi

Ir-Reġistru tal-Pajjiżi għandu jinkludi l-elementi tad-dejta li ġejjin:

URI tal-pajjiż – Valur numeriku ġġenerat awtomatikament mir-Reġistru Bażi tal-Lok li jintuża sabiex jidentifika l-pajjiż meta t-tip ta' lok huwa pajjiż. L-informazzjoni spazjali rilevanti għandha tkun disponibbli għan dan ir-reġistru kif meħtieġ.

Verżjoni Elettronika

Isem tal-pajjiż – L-isem tal-pajjiż jew territorju kif provdut fil-lista uffiċjali tal-ISO-3166.

Kodiċi Alpha-2 – Kif provdut fil-lista uffiċjali tal-ISO-3166.

Kodiċi Alpha-3 – Kif provdut fil-lista uffiċjali tal-ISO-3166.

Kodiċi Numeriku – Kif provdut fil-lista uffiċjali tal-ISO-3166.

Numru ta' kontroll tal-verżjoni tal-pajjiż – Sistema awtomatizzata ta' identifikaturi distinti tar-rekord għall-verifika tal-kontroll tal-verżjoni marbuta mal-identifikatur oriġinali użat sabiex jippermetti l-identifikazzjoni ta' tibdil applikat għar-rekord oriġinali u s-sostituzzjonijiet sussegwenti tiegħu fuq perjodu ta' żmien b'data ta' bidu u data ta' tmiem għal kull rekord tal-verżjoni.